# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Disgħa (9) ta' Diċembru 2020**

**Rikors Numru 568/2024 FDP**

Fl-ismijiet

**Dowdall Holdings (QL) Limited (C77820)**

**Vs**

**Trevor Caruana (K.I. 0450780M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta' Mejju 2024, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

***Dikjarazzjoni tal-Fatti***

*1) Illi s-Soċjeta' Rikorrenti, Dowdall Holdings (QL) Limited hija l-Franchise Owner tad-ditta "Quicklets" li ai fini ta' sfond hija waħda mill-ikbar brands ta' aġenziji li tispeċjalizza fil-kiri tal-proprjeta' filwaqt illi l-esponenti Stephen Mercieca huwa d-direttur tal-istess Soċjeta' Rikorrenti;*

*2) Illi permezz ta' ftehim datat nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), (il-"Ftehim") kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dok. A", is-Soċjeta' Rikorrenti tat lill-intimat*

*drittijiet relatati mal-użu tat-Trademark u drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali fl-operazzjoni tan-negozju msemmi fil-Ftehim;*

*3) Illi b'hekk permezz ta' dan il-Ftehim, in poche parole l-intimat ġie fdat sabiex jaġixxi bħala franchisee tad-ditta Quicklets u dan taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess, di fatti, l-intimat kien jiġġestjona branch fi Spinola ġewwa San Ġiljan;*

*4) Illi pertinenti illi jingħad sabiex jingħata l-isfond kollu lil dina l-Qorti illi kien hemm ftehim ulterjuri bejn Stephen Mercieca u Trevor Caruana illi nofs il-profitti li tiġġenera din il-branch ser jinqasmu nofs bin-nofs;*

*5) Illi fost oħrajn l-intimat ġie fdat ukoll sabiex jirċievi flus direttament li eventwalment kellu jgħaddi in parte jew in toto lis-Soċjeta' Rikorrenti pero aktar minn hekk, l-istess intimat ġie fdat b'aċċess għal kont bankarju tas-soċjeta' Dowdall (Real Estate) Limited (C 63332) li hija soċjeta' sister company tas-Soċjeta' Rikorrenti bl-istess diretturi;*

*6) Illi għal raġunijiet imputabbli unikament lill-intimat li jinkludu aġiri in male fede u bi ksur flagranti tal-Ftehim, liema aġiri ser jiġu spjegati aktar fid-dettall waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri, is-Soċjeta' Rikorrenti ġiet kostretta sabiex tittermina l-Ftehim lura f'Awwissu tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023);*

*7) Illi fil-mument tat-terminazzjoni, l-intimat kien għad kellu fil-pusess tiegħu flus appartjenenti lis-soċjeta' rikorrenti u dan f'ammont ta' mhux inqas minn disgħa u tletin elf, mitejn, erbgħa u disgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€39,294.62). (L-"***Ammont***"), liema ammont, l-intimat naqas milli jgħaddieh lis-soċjeta' rikorrenti sal-ġurnata tal-intavolar ta' din il-kawża;*

*8) Illi dan kollu minkejja d-diversi tentattivi da parti tas-soċjeta' rikorrenti, inkluż permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 1428/2024 (vide "***Dok. B***") , billi l-intimat baqa' inadempjenti u qed iżomm b'mod abbużiv u mingħajr ebda dritt tali Ammonti. Tra l'altro, minkejja li l-intimat ġie notifikament b'dina l-ittra uffiċjali, huwa naqas milli jintavola xi forma ta' risposta;*

*9) Illi b'hekk fil-ġurnata preżenti, l-intimat għandu fil-pussess tiegħu flus appartjenenti lis-Soċjeta' Rikorrenti u dan fl-ammont ta' mhux inqas minn disgħa u tletin elf, mitejn, erbgħa u disgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€39,294.62);*

*10) Illi din is-somma hija mingħajr preġudizzju għal ammonti oħrajn illi jistgħu ikunu dovuti pero sad-data tal-preżentata għadhom m'humiex magħrufin;*

***<u>Raġuni tat-talbiet</u>***

*1. Illi l-intimat għandu fil-pussess tiegħu flus appartjenenti lis-Soċjeta' Rikorrenti.*

*2. Illi s-Soċjeta' Rikorrenti minkejja li interpellaw lill-intimat jgħaddi dawn il-flus, huwa baqa' inadempjenti u għalhekk is-Soċjeta' Rikorrenti ma kellha ebda għażla oħra għajr illi tintavola dina l-kawża.*

***<u>Talbiet</u>***

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

i. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimat Trevor Caruana qiegħed iżomm is-somma ta' disgħa u tletin elf, mitejn, erbgħa u disgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€39,294.62) jew kwalasiasi somma oħra mingħajr ebda dritt;*
ii. *Tordna illi l-intimat Trevor Caruana jħallas lis-Soċjeta' Rikorrenti din is-somma;*
iii. *Tillikwida danni sofferti mis-Soċjeta' Rikorrenti;*
iv. *Tikkundanna l-intimat Trevor Caruana jħallas is-somma hekk likwidata;*

*U dan taħt kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;*

2. Rat id-dokumenti eżebiti flimkien mar-rikors promotur, ossija:

    a. **Dok. A** - Kopja tal-Ftehim bejn Dwodall Holdings (QL) Limited u Trevor Caruana
    b. **Dok**. **B –** Kopja tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 1428/2024

3. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2024 il-Qorti appuntat il-każ għas-smigħ għat-23 ta' Settembru 2024, u ordnat in-notifika tiegħu lill-kontro parti b'għoxrin jum għar-risposta.

4. Rat illi fit-12 ta' Lulju 2024 Trevor Caruana ġie notifikat fl-indirizz indikat, ossija 28, Flat 3, Triq Markiżi Zimmermann Barbaro, Sliema, Malta.

5. Rat illi fit-23 ta' Settembru 2024, meta ssejħet il-kawża, l-intimat ma deherx u wisq anqas ma' ppreżenta eċċezzjonijiet, u għalhekk l-intimat ġie meqjus bħala kontumaċi.

6. Rat illi fit-23 ta’ Settembru 2024, il-kawża ġiet differita għall-provi rikorrenti.

7. Rat illi fis-26 ta’ Novembru 2024, ġie ppreżentat l-affidavit ta’ Raxelle Borg Macrantoni, filwaqt illi s-soċjeta' għarrfet illi kien fadallha tippreżenta żewġ affidavits li setgħu jiġu ppreżentati fil-mori tad-differiment u l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza in vista tal-kontumaċja ta’ l-intimat.

8. Rat illi fis-26 ta’ Novembru 2024, il-kawża ġiet differita għad-29 ta’ Novembru 2024 għall-preżentata tal-affidavits u għas-sottomissjonijiet tal-kontumaċi Trevor Caruana.

9. Rat illi fid-29 ta’ Novembru 2024 ġew ippreżentati l-affidavits ta’ Stephen Mercieca u Michael Mercieca.

10. Rat illi sottomissjonijiet tal-kontumaċi Trevor Caruana ma daħlux.

11. Rat illi, kemm in vista tal-kontumaċja ta’ l-intimat Trevor Caruana, kif ukoll abbażi tal-affidavits ta’ Raxelle Borg Macrantoni, Stephen Mercieca u Michael Mercieca, l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti jimmeritaw illi jiġu akkolti.

12. Rat illi madanakollu, ma nġabet ebda prova dwar danni in konnessjoni mat-tielet u raba’ talba.

13. Għalhekk, l-ewwel u tieni talba rikorrenti huma ppruvati u ser jiġu milqugħa kif mitlub filwaqt illi l-istess ma jistax jingħad fuq it-tielet u raba’ talba.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u x-xhieda prodotta;

Wara illi rat illi l-intimat Trevor Caruana huwa kontumaċi u, mogħti l-opportunita’ illi jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, naqas milli jagħmel hekk;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-tielet u raba’ talba, filwaqt illi:

**Tilqa’** l-ewwel u tieni t-talba kif dedotti u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi l-intimat Trevor Caruana qiegħed iżomm is-somma ta’ disgħa u tletin elf, mitejn, erbgħa u disgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€39,294.62) mingħajr ebda dritt;

**Tikkundanna** u **Tordna** lill-intimat Trevor Caruana jħallas lis-Soċjeta’ Rikorrenti din is-somma ta’ disgħa u tletin elf, mitejn, erbgħa u disgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€39,294.62).

Imgħax mid-data tan-notifika ta’ Trevor Caruana, ossija 12 ta’ Lulju 2024, sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta’ l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**